A.L. 42 ta' l-1985

ATT TA' L-1981 DWAR IL-LOTTERIJI TAL-GVERN (ATT NRU. XXIV TA' L-1981)

Regolamenti ta' l-1985 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Il-Lotteriji tal-Gvern

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att ta' l-1981 dwar il-Lotteriji tal-Gvern, id-Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi u tad-Dwana għamlu r-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1985 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lotteriiji tal-Gvern, u għandhom jinqraw u jiftieħmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1981 dwar il-Lotteriji tal-Gvern, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 66 ta' l-1981

Jissostitwixxi r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Għandu jsir tlugħ tal-Lotterija. magħrufa bħala l-Lotterija l-Kbira, kull l-aħħar Ħadd ta' Marzu, Ġunju. Settembru u Diċembru f'nofsinhar, jew kemm jista' jkun malajr wara, u f'dak il-post li l-Ministru jista' minn żmien għal tmien jordna. Il-premji-jiet għal dan it-tlugħ tal-lotterija jkunu dawk murija fil-paragrafu A ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Għandu jsir tlugħ tal-Iotterija. magħrufa bħala l-Lotterija tal-Gimgħa, kull nhar ta' Ġimgħa (ħlief il-Ġimgħa li taħbat qabel l-aħħar Ħadd ta' Marzu, Ġunju, Settembru. u Diċembru) f'nofsinhar, jew kemm jista' jkun malajr wara, u f'dak il-post li l-Ministru jista' minn tmien għal tmien jordna:

lżda meta l-jum tat-tlugħ jaħbat btala pubblika, it-tlugħ għal dik il-ġimgħa partikolari għandu jsir fil-jum ta' qabel, u jekk dak il-jum ukoll ikun btala pubblika, it-tlugħ għal dik il-ġimgħa jsir it-Tnejn ta' wara.

(3) Il-premjijiet għat-tlugħ tal-Lotterija tal-Ġimgħa jkunu dawk murija fil-paragrafu B ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(4) Kull biljett li jieħu sehem jew fil-Lotterija l-Kbira jew fil-Lotterija tal-Ġimgħa, ikollu dritt biss għal premju jew premju ta' konsolazzjoni wieħed, liema jkun l-akbar.

(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (1), (2) u (3) ta' dawn ir-regolamenti l-Ministru jista', b'avviż pubblikat fil- Gazzetta, iżid in-numru u/jew il-valur tal-premjijiet jew jibdel il-jum, il- ħin u l-post ta' xi tlugħ partikolari.".

Jissostitwixxi l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti Prinċipali.

3. Minflok l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tidħol l-Iskeda ġdida li ġejja:

"SKEDA

(Regolament 3)

Skeda ta' Premjijiet

A. **Lotterija l-Kbira**

L-Ewwel Premju: Lm50,000 (Ħamsin elf lira Maltija)

It-Tieni Premju: Lm5,000 (Ħamest elef lira Maltija)

It-Tielet Premju: Lm2,000 (Elfejn lira Maltija)

Tliet Premjijiet ta' Lm1,000 (Elf lira Maltija) kull wieħed

Erba' Premjijiet ta' Lm500 (Ħames mitt lira Maltija) kull wieħed

Tlieta u tletin (33) premju ta' konsolazzjoni ta' Lm100 (Mitt lira Maltija) kull wieħed li jingħataw lid-detenturi ta' biljetti li jkollhom l-istess numri, iżda b'ittra differenti tal-biljetti li jirbħu l-ewwel, it-tieni u t-tielet premju rispettivament.

B. **Lotterija tal-Ġimgħa**

L-Ewwel Premju: Lm2,000 (Elfejn lira Maltija)

Żewġ Premjijiet ta' Lm500 (Ħames mitt lira Maltija) kull wieħed

Ħames Premjijiet ta' Lm100 (Mitt lira Maltija) kull wieħed

Tnejn u sebgħin (72) premju ta' konsolazzjoni li jikkonsistu f'biljett tal-Lotterija l-Kbira li jingħata lil kull wieħed mid-detenturi tal-bilietti li jkollhom l-istess l-ewwel erba' numri bħat-tmien biljetti li jirbħu l-premjijiet ta' valur fiss

Seba' mija u għoxrin (720) premju ta' konsolazzjoni li jikkonsistu f'biljett tal-Lotterija tal-Ġimgħa li jingħata lil kull wieħed mid-detenturi tal-biljetti li jkollhom l-istess l-ewwel tliet numri bħat-tmien biljetti li jirbħu l-premjijiet ta' valur fiss.".